QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

MAĠISTRAT

DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Nru.: 262/2022 RM**

**Avukat Dr. Lara Dimitrijevic bħala mandatarja ta' Andrea Prudente u Jay Wheelan, u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2025 il-kunjom 'Wheelan' ġie sostitwit bil-kunjom 'Weeldreyer'**

**-Vs-**

**Dr. Jason Azzopardi**

**Illum, 24 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-Avukat Dr. Lara Dimitrijevic bħala mandatarja ta' Andrea Prudente u Jay Wheelan fir-Reġistru tal-Qorti fil-1 ta' Diċembru 2022 fejn talbet sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment ieħor opportun, il-konvenut Dr. Jason Azzopardi jiġi kkundannat iħallas is-somma li jogħġobha tillikwida l-Qorti in linea ta' danni kkontemplati fl-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' danni in riparazzjoni tal-malafama li huma sofrew b'konsegwenza ta' kumment illi l-konvenut ippubblika fuq il-profil u/jew paġna tiegħu tal-Facebook nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2022 (li kopja tiegħu anness u

mmarkat Dok LD 1) u dan peress li bit-tali kumment immalafama u illibella lill-esponenti billi attakka l-integrita, l-unur u r-reputazzjoni tagħhom, kemm personali u kemm professjonali, u esponiethom għar-redikolu u għad-disprezz pubbliku, permess ta' allegazzjoni u/jew insinwazzjonijiet għal kollox inveritieri u foloz kif ser jiġi ppruvat.

Bl-ispejjez.

Rat ir-Risposta tal-konvenut ippreżentat fir-Reġsitru fl-20 ta' Jannar 2023, fejn ġie eċċepit:-

*"Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda billi:*

i. *Il-kitba allegatament malafamanti ma tikkontjeni xejn li tista' tikkawza hsara sejra lir-reputazzjoni tal-atturi; infatti l-kitba ma tirriferix ghar-rikorrenti izda ghal min 'ikkonfoffa biex mara tqila tingieb f'Malta.....ghax taparsi kienet f'periklu';*
ii. *Il-pubblikazzjoni tammonta ghall-fair comment dwar fatti sostanzjalment veri;*
iii. *Il-pubblikazzjoni de quo hija dikjarazzjoni ta' opinjoni onesta tal-esponenti dwar materja ta' interess pubbliku, liema opinjoni hija bbazata fuq dokumenti u fatti li kellu f'idejh l-esponenti; u*
iv. *Il-pubblikazzjoni de quo hija dikjarazzjoni priveleggjata a tenur tal-Art. 4(4) tal-Kap 579"*

Rat il-kopji awtentikati tal-prokura speċjali li ġiet mogħtija minn Andrea Prudente u Jay Weeldreyer lill-attriċi nomine, Dr. Lara Dimitrijevic datata 30 ta' Novembru 2022 u l-prokura speċjali mogħtija minn Andrea Prudente lill-istess Dr. Lara Dimitrijevic datat 20 ta' Settembru 2022[1].

[1] Dok. LD1 u Dok. LD2 rispettivament.

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2023 fejn għall-fini tal-artikolu 10 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, iddeċidiet li l-kawża għandha tissokta bis-smigħ tal-provi għaliex ma riskontratx prospett reali li l-kawża tiġi riżolta permezz ta' ftehim;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2025 li permezz tiegħu ġie ordnat il-korrezzjoni fil-kunjom ta' 'Jay Wheelan' fir-Rikors promotur billi l-isem "Wheelan" jiġi mħassar u sostitwit bl-isem "Weeldreyer";

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali, inkluż l-Affidavits rispettivi ta' Andrea Prudente u Jay Weeldreyer;

Semgħet ix-xhieda, inkluż ix-xhieda in kontro-eżami ta' Andrea Prudente u Jay Weeldreyer permezz ta' kollegament bil-vidjo-konferenza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat għall-attriċi nomine fid-29 ta' Jannar 2025 kif awtorizzat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2025, kif awtorizzat;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama dwar libell ippubblikat mill-konvenut, Dr. Jason Azzopardi, permezz ta' *post* fuq Facebook fit-30 ta' Novembru 2022, fejn għamel is-segwenti stqarrija:-

"*Trid tkun verament żibel (imma qaluli ma nistax nużaha din il-kelma) biex tikkonfoffa ma' terzi barra minn Malta biex mara tqila tinġieb f'Malta ħalli tqum il-kontroversja tat-terminazzjoni tat-tqala għax taparsi kienet f'periklu. Din m'hijiex ipoteżi, m'hijiex teorija. DIN HIJA VERITA OĠĠETTIVA FATTWALI li seħħet.*
*Intom/aħna li kontra l-abort f'Malta ifhmu: inut*(l)*i tkunu safja bħall-ħamiem jekk ma tkunux ukoll għaqlin bħas-serp.*
*Iftħu għajnejkom.*"

Għall-attriċi nomine ġie argomentat illi din il-pubblikazzjoni tnissel stqarrija malafamanti ċioe' illi "*l-miġja ta' Andrea Prudente hawn Malta ma kienetx xejn ħlief konfoffa (ma' terzi injoti) biex tqum kontroversja dwar it-tqala f'Malta – jew fi kliem ieħor – sabiex jiġi xprunat dibattitu dwar l-abort bil-għan li jiġu emendati l-liġijiet.*" Qed jiġi asserit ukoll illi l-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata, jagħmel imputazzjoni sussidjarja fis-sens illi *"Andrea Prudente ma kienet f'periklu xejn u li dan kien kollu magħġun b'għanijiet ulterjuri.*"

Il-konvenut fix-xhieda tiegħu isostni li huwa għamel id-dikjarazzjonijiet li qed jiġu impunjati, b'mod onest bit-tħaddim tar-raġuni tiegħu abbażi tal-fatt illi s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha Andrea Prudente meta ġiet Malta, intużat biex titqajjem kontroversja sħiħa dwar l-abort u bħala pretest biex tinbidel il-liġi dwar l-abort. Jisħaq illi m'huwiex verosimili li koppja tembarka fuq vjaġġ bl-ajru ta' kważi 24 siegħa biex mill-kosta tal-punent tal-Istati Uniti tmur Għawdex – gżira injota għal min jgħix f'pajjiż daqshekk imbiegħed - għal btala meta l-mara mhux ta' eta' żgħira li kienet tqila u kien hemm diġa' evidenza ta' problemi fit-tqala. Meta mbagħad l-komplikazzjonijiet fit-tqala aggravaw wara li waslet Għawdex, tant illi l-mara kellha tiġi ammessa fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex għall-kura u biex tiġi salvata l-ħajja tat-tarbija fil-ġuf, u insistiet li riedet tittermina t-tqala minkejja li l-provi wrew li ħajjitha qatt ma kienet fil-perikolu, sar konvint li terzi persuni inqdew bil-mara u bil-kundizzjoni tagħha u kkonvinċewha tivvjaġġa lejn Għawdex f'dak l-istat, tabilħaqq biex jiġi mqanqal dibattitu dwar il-ħtieġa li jiġu emendati l-liġijiet domestiċi fuq l-abort. Il-konvenut saħaq illi biss ftit xhur wara li seħħ il-każ ta' Andrea Prudente, kien

ġie ppreżentat abbozz ta' liġi fi-parlament biex jemenda l-artikolu fil-kodiċi kriminali dwar ir-reat tal-abort[2].

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi l-azzjoni għal malafama hija l-istrument legali għad-difiża tar-reputazzjoni li tipprovdi rimedju f'danni għall-ħsara lir-reputazzjoni u biex l-azzjoni tirnexxi, il-persuna aggravata għandha qabel xejn tipprova illi l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrijiet impunjati, huma diffamatorji. Mhux hekk biss, iżda teħtieġ tipprova wkoll li l-istqarrijiet impunjati huma diffamatorji fir-rigward tagħha. Skont l-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.

Għalhekk, l-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jsir f'azzjoni bħal din huwa preordinat għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata fihiex imputazzjoni diffamatorja li kkaġunat jew fihiex il-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u fl-affermattiv, il-likwidazzjoni tad-danni. Għandu jingħad li l-azzjoni m'hijiex intiża biex jiġu korreġuti stqarrijiet li jkunu foloz jew mhux fattwalment korretti jew akkurati, u m'huwiex kompitu tal-Qorti f'azzjoni għal malafama li tiddeċiedi jekk dak li jkun kiteb il-pubblikatur huwiex korrett, jekk kellux jinkludi materjal addizzjonali jew jekk kellux jiġi mitkub bl-użu ta' kliem differenti minn dawk attwalment użati fid-dikjarazzjoni impunjata[3]. Ukoll, il-fatt li l-persuna aggravata tkun ħassitha offiża b'xi stqarrija li ġiet ippubblikata m'huwiex rilevanti għas-suċċess tal-azzjoni għal malafama, jekk dik l-istqarrija ma ssarrafx ukoll fi ħsara serja lir-reputazzjoni, fejn ir-reputazzjoni titkejjel skont l-istima li

---

[2] Fil-bidu ta' Novembru 2022 il-Gvern ħabbar riforma leġislattiva biex jemenda l-Kodiċi Kriminali biex jippermetti t-terminazzjoni tat-tqala meta l-ħajja tal-omm tkun f'riskju serju – Abbozz Numru 28 – Abbozz ta' Liġi li Jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru. 3).

[3] F'kull każ "*It is no part of the court's function to penalise a defendant for sloppy journalism – still less for tastelessness of style*" : **Turcu v News Group Newspapers Ltd** [2005 EWHC 799 (QB) [105] and [111] per Eady J.

għandhom persuni oħrajn lejn il-persuna aggravata, u mhux skont dak li taħseb dwarha nnifisha l-istess persuna aggravata.

Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, għandu jiġi ppreċiżat li mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata u li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, il-prova tar-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja hi fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-malafama liema rekwiżit jimponi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success tal-azzjoni minn dak li kien meħtieġ taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248), bl-intiża speċifika li jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Illi bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja (u telf finanzjarju serju fil-każ ta' korp li jopera għal profitt) għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni jew il-potenzjalita' ta' impatt bħal dak**. Għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit <u>biss</u> b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[4].

[4] *Ibid.* para. 21 tad-deċiżjoni.

Skont Duncan and Neil, 'On Defamation', "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[5]

Il-Qorti trid għalhekk tgħaddi biex tistabbilixxi jekk xi waħda mill-imputazzjonijiet speċifikatament impunjati mill-prinċipali tal-attriċi, il-persuni aggravati, humiex diffamatorji fir-rigward tagħhom billi tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuni aggravati hijiex sodisfatta (i) bil-prova li l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrija, fihomx tifsira inerentement diffamatorja, u fl-affermattiv (ii) jekk il-pubblikazzjoni kellhiex impatt jew tendenza ta' ħsara serja fuq ir-reputazzjoni tal-persuni aggravati.

Il-kriterji li għandhom jiġu applikati biex tiġi determinata l-imputazzjoni mnissla mill-pubblikazzjoni impunjata ġew imfissra hekk fid-deċiżjoni ċelebri fil-każ **Jeynes v. News Magazines Ltd.**:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2)* ***the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available*** *(3)* ***over-elaborate analysis is best avoided.*** *(4) the intention of the publisher is irrelevant. (5) The article must be read as a whole… (6) The hypothetical reader is taken to be representative of those who would read the publication in question. (7)* ***In delimiting the range of permissible***

[5] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

***defamatory meanings, the court should rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation …'*** *(8) It follows that it is not enough to say that by some person or another the words* *__might__* *be understood in a defamatory sense." …*"[6] (enfasi ta' din il-Qorti)

Applikati dawn il-kriterji għall-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati f'din il-kawża, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li minn qari tagħha tinsilet f'moħħ persuna ordinarja u raġjonevoli, hi li xi ħadd ikkonfoffa ma' terzi persuni barra minn Malta biex mara tqila tinġieb f'Malta ħalli titqajjem il-kontroversja tat-terminazzjoni tat-tqala. It-tifsira tal-insinwazzjoni magħmula mill-konvenut fil-pubblikazzjoni hi li xi persuni ikkonfoffaw biex jinqdew bis-sitwazzjoni ta' mara tqila barranija biex jisiltu minnha opportunita' li jitqajjem dibatittu favur l-abort f'Malta,

Fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, f'Novembru 2022, l-ordinament ġuridiku tagħna kien jikkriminalizza l-abort bħala delitt punibbli bil-priġunerija[7], mingħajr ebda eżenzjoni minn responsabbilita' kriminali bħal dik li llum tinsab maħsuba fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 243B tal-Kodiċi Kriminali.

u dan billi l-mara tqila inġiebet Malta b'riżultat tal-konfoffa u l-komplikazzjonijiet mediċi li ġarrbet fit-tqala intużaw għall-imsemmi mottiv speċifiku. Għall-Qorti, din l-imputazzjoni għandha tifsira inerentement diffamatorja għaliex tagħti x'tifhem li l-persuni li kkonfoffaw biex il-mara tqila tinġieb Malta, aġixxew b'mod diżonest u sfruttaw il-pożizzjoni u l-esperjenza tagħha għall-gwadann politiku jew personali tagħhom. Il-kelma 'konfoffa', li hija definita bħala "*ftehima minn taħt kontra xi ħadd",* inevitabbilment tnissel konnotazzjonijiet ta' tixwix, qerq u ħabi u fi kliem Collins[8], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or*

[6] **Jeynes v News Magazines Ltd** [2008] EWCA. Enfasi tal-Qorti.
[7] Artikoli 241 *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali.
[8] 6.10 p. 117.

*otherwise unfit for some role.*"[9], huma meqjusa bħala imputazzjonijiet li għandhom tifsira diffamatorja. Kif taraha l-Qorti, il-konfoffa tnissel konnotazzjonijiet ta' tixwix u ħabi u għalhekk, il-perċezzjoni ta' min jikkonfoffa bil-ħabi ta' ħaddieħor għall-gwadann tiegħu nnifsu – *multo magis* meta fil-mira ta' dan kollu hemm l-esperjenza ta' mara tqila li ġarrbet komplikazzjonijiet mediċi fit-tqala tagħha – huwa ta' bniedem diżonest u qarrieqi. Dan huwa biżżejjed għall-prova tat-tifsira inerentement diffamatorja tal-imputazzjoni li titnissel minn qari tal-istqarrijiet tal-konvenut, safejn din l-imputazzjoni tikkonċerna l-persuni li organizzaw u kienu involuti fil-konfoffa.

Issa jekk dik l-imputazzjoni hijiex vera jew le, jew jekk tistax titqies bħala 'opinjoni onesta' skont il-liġi, hija kwistjoni oħra iżda hija irrilevanti biex jiġi stabbilita t-tifsira tal-kliem tal-istqarrija u l-imputazzjoni li titnissel minn qari tal-pubblikazzjoni. Kemm hu hekk, anke jekk kellu jiġi stabbilit li l-allegazzjonjiet fl-istqarrija tal-konvenut m'humiex veritieri, lanqas in sostanza, iżda huma kompletament foloz, dan ma jfissirx li huma wkoll diffamatorji, talanqas safejn jikkonċernaw il-mara tqila.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit l-imputazzjoni li titnissel f'moħħ il-qarrej ordinarju u raġjonevoli li jaqra l-pubblikazzjoni tal-konvenut, il-Qorti sejra tibda biex tittratta l-kwistjoni tal-identifikazzjoni o meno tal-persuni aggravati, Andrea Prudente u Jay Weeldreyer, fl-istqarrijiet impunjati għaliex huwa ovvju li jekk bħala l-persuni aggravati m'humiex identifikati fl-istqarrija impunjata, l-imputazzjonijiet li jitnisslu minnha ma jistgħu qatt jitqiesu bħala diffamatorji fil-konfront tagħhom. Dan hu korollari għar-regola taħt l-artikolu 3(4) tal-Att li jiddisponi li biex stqarrija tkun diffamatorja, għandu jintwera li din tkun ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata: jekk il-persuna aggravata m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, ma tistax iġġarrab ħsara lir-reputazzjoni tagħha wisq inqas ħsara li

[9] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

hija serja. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-materja tal-identifikazzjoni o meno tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni impunjata hija waħda li tista' titqajjem *sua sponte* mingħajr il-ħtieġa li titqanqal eċċezzjoni *ad hoc* fir-rigward, għaliex huwa rekwiżit fondamentali tal-azzjoni daqskemm hu essenzjali r-rekwiżit tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, liema rekwiżiti jinċidu fuq l-azzjonabbilita' tal-malafama.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-

"*A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant.*"[10]

Iżda, fejn il-persuna aggravata m'hijiex identifikata b'isimha fl-istqarrija impunjata iżda per eżempju permezz ta' ritratt, filmat jew laqam imsemmi fil-pubblikazzjoni nnfisiha, jinħtieġ li titressaq prova li turi li hija ġiet identifikata minn persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-istqarrija[11].

Fid-deċiżjoni fil-każ ta' **MDA Marine Design Associates Ltd v. British Columbia Ferry Services Inc.**[12], intqal hekk minn Fenlon J:-

---

[10] Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins Q.C. (Oxford University Press, 2014), 5.01, p. 105. Ġie ritenut ukoll:- "*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to.*" Ukoll:- "*Where a person is referred to by name in a defamatory statement, he or she is identified to all those to whom the publication occurs. It is irrelevant that the recipients of the statement have no knowledge of the person.*" Collins *ibid.*, 5.03, p. 106.

[11] Collins jgħid li anke fejn il-persuna aggravata hi identifikata permezz ta' xi ritratt jew filmat fil-pubblikazzjoni impunjata, xorta waħda jeħtieġ li jiġi stabbilit mill-provi li kien hemm persuni li attwalment identfikawha mir-ritratt jew filmat, direttament jew permezz ta' inferenza.

[1212] 2008 BCSC 1432 (para. 20).

"*A plaintiff may be identified even though he is not mentioned by name, where a reference is made to something over which he exercises control or for which he has some responsibility.*"

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm m'hijiex identifikata b'isimha fil-pubblikazzjoni, il-persuna aggravata Andrea Prudente tisħaq li hija identifikata bħala 'l-mara tqila' li skont il-konvenut inġiebet Malta biex tqum il-kontoversja dwar it-terminazzjoni tat-tqala. Il-konvenut, fix-xhieda tiegħu, jaqbel ma' din l-identifikazzjoni u jistqarr bla tlaqliq li l-mara tqila li ssir riferenza għaliha fil-pubblikazzjoni tiegħu, hija Andrea Prudente. Madankollu, kif inhu risaput, in mankanza tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-persuna aggravata jew, fejn il-persuna aggravata hija identifikabbli biss minħabba implikazzjoni jew inferenza, ix-xhieda tal-awtur jew il-pubblikatur fil-kawża li jikkonferma li kien qed jirreferi jew li l-intenzjoni tiegħu kienet li jirreferi għall-persuna aggravata, ma tiswix bħala prova għaliex l-intenzjoni tal-pubblikatur huwa irrelevanti biex jiġi stabbilit jekk il-persuna aggravata hijiex identifikabbli minn persuna ordinarja u raġjonevoli.

Huwa prinċipju stabbilit fil-liġi tad-diffamazzjoni illi fejn jiġi allegat li l-persuna aggravata hija identifikata b'riferenza għal fatti estrinsiċi għall-pubblikazzjoni nnifisha, għandha tinġieb prova mhux biss ta' dawk il-fatti estraneji iżda wkoll prova li persuni oħra apparti l-persuna aggravata nnifisha kienu esposti għall-pubblikazzjoni impunjata u kienu kapaċi jidentifikawha minħabba l-għarfien tagħhom ta' dawn il-fatti speċjali[13]. F'każijiet bħal dawk, l-identifikazzjoni ssir permezz tal-prova li persuna ordinarja u raġjonevoli, armata bl-għarfien ta' fatti speċjali estranei għall-pubblikazzjoni li tinġieb prova dwarhom fil-kawża, tkun kapaċi tidentifika l-pubblikazzjoni impunjata bħala waħda li tikkonċerna jew li hija dwar il-persuna aggravata.

[13] Dan jissejjaħ komunement in materja, *legal innuendo meaning*. Roy Baker, *Defamation Law and Social Attitudes – Ordinary Unreasonable People*, 2011 (p. 33/34), jgħid hekk:- "*According to the legal innuendo rule, if a plaintiff claims that a publication would bear a defamatory meaning only to people who have some kind of special knowledge (what is termed a legal innuendo meaning), then the plaintiff must prove that at least one such person was directly exposed to the publication (and otherwise than by the plaintiff).*"

Gatley jikkummenta hekk fir-rigward: -

" [However], [w]*here the claimant is referred to in an indirect way or by implication it will be a question of degree how far evidence will be required to connect the libel with him. At one extreme, if there is a libel on 'the Prime Minister' that officer does not need to produce witnesses to testify that they know who he is.* ***At the other extreme, the claimant may be only identifiable by reason of extraneous facts which are not generally known, in which case there is no actionable publication unless it is shown that the words were communicated to persons with such knowledge. Even in the latter type of case, however, it is not enough that the recipients of the statement did understand it to refer to the claimant: the issue is whether reasonable people with their knowledge would so understand it.****"*[14]

Ikompli jgħid:-

*"The principles as to reference are ... similar to those which apply to meaning. Both can be affected by the knowledge of the readership or audience ... Equally, words may refer to a person on their face in the light of general knowledge, or by virtue of a 'reference innuendo': because of some special knowledge possessed by some audience members.*[15]

… … …

*... the issue of identification is to be decided on the same principles as those which govern the question of whether the words are capable of a defamatory meaning.*

… … …

*The test of reference remains an objective one: whether on the evidence, an ordinary reasonable person would draw the inference that the words referred to the claimant"*[16].

---

[14] Gatley, *ibid*. 7.3 p 267.

[15] Gatley, On Libel and Slander - Second cumulative supplement to the 12th edition (2017), 7.3, p. 64. Ara wkoll **Barron v. Collins** (2015) EWHC 1125 (QB).

[16] Gatley, Second supplement to the 12th edition, ibid. 7.3, p. 66

Fuq kollox, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-inferenza tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata, hi waħda raġjonevoli, ċioe' li persuni ordinarji armati b'għarfien dwar il-fatti speċjali, setgħu jinferixxu raġjonevolment u mingħajr sforz żejjed li l-istqarrija impunjata hija dwar jew tista' tikkonċerna lill-persuna aggravata[17].

Fi kliem Duncan and Neill ('On Defamation'):-

"*In every case where identification is in issue the question is: would reasonable people reasonably understand the statement to refer to the claimant? ... Where the statement complained of does not itself clearly identify the claimant, the matter can sometimes be decided by reference to the context. More often, however, the claimant will be seeking to show tht the statement would have been understood to refer to them because of some facts or circumstances which are extrinsic to the statement itself. In these cases, the claimant is required to plead and prove the extrinsic facts on which they rely to establish identification and, if these facts are proved, the question becomes: would reasonable people knowing these facts or some of them reasonaby believe the statement referred to the claimant?*"[18]

Fil-każ in diżamina, l-attriċi Andrea Prudente xehdet illi l-avukat tagħha, Dr. Lara Dimitrijevic, identifikatha bħala persuna li saret riferenza għaliha fl-istqarrija impunjata u kienet hi li ġibditilha l-attenzjoni għall-pubblikazzjoni tal-konvenut.

B'żieda ma' dan, hemm il-fatt illi fl-atti proċesswali teżisti prova illi fit-28 ta' Novembru 2022, jumejn biss qabel il-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata, ġie pubblikat fuq in-*news portal* elettroniku www.timesofmalta.com, artikolu intitolat "*US woman in pregnancy ordeal was never in danger, state argues – Andrea Prudente was*

---

[17] Gatley, 'On Libel and Slander', jgħid illi "*The issue of identification is to be decided on the same principles as those which govern the question of whether the words are capable of a defamatory meaning.*" - On Libel and Slander - Second cumulative supplement to the 12th edition (2017), 7.3, p. 64. Ara wkoll **Barron v. Collins** (2015) EWHC 1125 (QB).
[18] Fifth Edition, 2020, pg. 72, p. 7.03.

*denied a request to terminate a non-viable pregnancy*". Fir-rigward, biex l-attriċi tista' titqies li hija identifikata fil-pubblikazzjoni impunjata bħala l-mara tqila, permezz tal-identifikazzjoni tagħha b'isimha fil-pubblikazzjoni appena msemmija fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com, irid jintwera li jeżisti ness bejn iż-żewġ pubblikazzjonijiet, ċioe' l-pubblikazzjoni li saret fuq www.timesofmalta.com fit-28 ta' Novembru 2022 li fiha l-attriċi hija identifikata b'isimha, u l-pubblikazzjoni tal-konvenut, impunjata fil-kawża, fit-30 ta' Novembru 2022.

"*That nexus or connection between the two statements may be established by varying means. ... The two statements may be part of a single saga or series. The second statement may sufficiently refer back to the first statement so as to incorporate it by reference, or its contents as a legal innuendo, in the second statement. But these are not legal categories. They are merely examples of ways in which, as a matter of fct, a claimant may prove the requisite nexus or connection between the two statements*"[19]

Huwa evidenti minn qari tal-artikolu ippubblikat fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com, li f'dawk il-ġranet kien hemm dibattitu sħiħ għaddej dwar il-fatti tal-każ ta' Andrea Prudente, liema fatti kienu fil-mira ta' kawża kostituzzjonali istitwita mill-istess Prudente quddiem il-qrati f'Malta[20]. Jirriżulta li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi artikolu – u wkoll l-istqarrija impunjata fl-azzjoni odjerna - kienu bdew jinsemgħu l-provi u x-xhieda fl-imsemmija kawża kostituzzjonali in konnessjoni mal-pożizzjoni tagħha li ħajjitha kienet fil-perikolu minħabba l-problemi fit-tqala. Din ix-xhieda, kif rajna, ġiet rapportata fl-istess artikolu fejn ingħad ukoll illi ċ-ċirkostanzi ta' Andrea Prudente kienu ngħataw attenzjoni internazzjonali meta t-tobba Maltin irrifjutaw li jitterminaw it-tqala tagħha u kellha tiġi trasportata bl-ajru lejn sptar fi Spanja biex tittermina t-tqala.

---

[19] Deċiżjoni tal-Privy Council – **Simon v. Lyder**, 2019 (UKPC) 38.

[20] Jirriżulta wkoll minn artikolu li ġie esebit mill-konvenut illi Andrea Prudente kienet istitwixxiet proċeduri kostitizzjonali kontra l-Avukat Ġenerali il-Ministru tas-Saħħa u s-Segretarju Parlamentari tar-Riformi u l-Ugwaljanza fejn sostniet li ġew leżi d-drittijiet fondamentali tagħha b'riżultat tan-nuqqas tal-Gvern Malti li jdaħħal fl-ordinament ġuridiku Malti jedd ta' terminazzjoni tat-tqala – Dok. X1 (6 ta' Jannar 2023). Ara wkoll: Dok. X2, X3 u X5 ilkoll dwar l-istess soġġetta materja pubblikati fis-6 ta' Jannar 2023 b'esklużjoni ta' Dok. X4 ippubblikat ft-28 ta' Novembru 2022.

Il-Qorti tqis illi l-pubblikazzjoni tal-artikolu fuq is-sit elettroniku ta' Times of Malta fit-28 ta' Novembru 2022 tikkonċerna materja ta' interess pubbliku, konsistenti fil-materja sensittiva u kontroversjali dwar il-materja tal-abort u f'rapportaġġ dwar proċeduri kostituzzjonali istitwiti kontra l-Istat Malti għal allegat vjolazzjoni ta' jeddijiet fondamentali minħabba n-nuqqas tal-Istat li jipprovdi l-qafas leġislattiv għat-terminazzjoni tat-tqala. Din il-pubblikazzjoni saret fuq pjattaforma stabbilita tal-mass media fejn teżisti presunzjoni ta' pubblikazzjoni estensiva lil udjenza kbira.

Duncan and Neil[21] jagħmlu riferenza għall-insenjament fid-deċizjoni fil-każ **Monir v. Wood**[22] fejn ingħad li fost il-kategoriji ta' prova li tista' ġġib 'il quddiem il-persuna aggravata għad-determinazzjoni dwar jekk il-qarrej ordinarju kienx jifhem li l-kliem impunjat jirriferi għaliha, insibu:-

"*(i) a solely inferential case – typically publication in a mass circulation newspaper where, in the particular circumstances, the claimant contends that there must have been at least some publishees who would have known the facts from which an ordinary, reasonable reader would conclude that the defamatory publication referred to him ...;*"

Il-Qorti tqis illi persuna ordinarja u raġjonevoli munita bl-għarfien tal-fatti dikjarati fl-artikolu dwar materja ta' interess pubbliku ippubblikat fuq mezz tal-*mass media* biss jumejn qabel il-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata, setgħet tidentifika lill-attriċi Andrea Prudente fl-istqarrija ippubblikata mill-konvenut safejn din tikkonċerna l-'mara tqila' li nġiebet Malta b'rizultat ta' konfoffa. Fil-kwadru ta' dawn iċ-ċirkostanzi, kompriża wkoll l-attenzjoni globali li fl-artikolu pubblikat fuq www.timesofmalta.com ingħad li kienet ingħatat lill-każ tat-tqala ta' Andrea Prudente, il-Qorti fehmet illi teżisti ness konkret ta' materja u żmien, bejn dik il-pubblikazzjoni u l-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża, liema rabta hija suffiċjenti biex il-qarrej

[21] Duncan and Neil, On Defamation (Fiftjh Edition, 2020), 7.12, pg 77.
[22] 2018, EWHC, 3525 (QB).

ordinarju u raġjonevoli jidentifika 'l-mara tqila' msemmija fil-pubblikazzjoni impunjata, bħala Andrea Prudente li hija msemmija espressament b'isimha fl-artikolu pubblikat fuq www.timesofmalta.com.

Iżda safejn l-azzjoni għal malafama ġiet istitwita wkoll minn Jay Weeldreyer bħala persuna aggravata, huwa minnufih evidenti li huwa ma ssemma imkien la espressament u lanqas permezz ta' xi inferenza, fil-pubblikazzjoni impunjata. Ir-riferenza hi biss għal "mara tqila" u Jay Weeldreyer ma hu identifikat imkien u bl-ebda mod, la bħala l-persuna li ġiet imqabbla ma' "zibel" u lanqas bħala t-terza persuna barra minn Malta. Kemm hu hekk, il-persuni l-oħrajn ossia l-persuna deskritta bħala "żibel" u t-terzi persuni barra minn Malta, ma humiex identifikati la b'isimhom jew xort'oħra fil-pubblikazzjoni u lanqas permezz ta' fatti speċjali estranei għall-pubblikazzjoni u l-konvenut innifsu fix-xhieda stqarr li ma jafx min huma. Ma nġiebet ebda prova fil-kawża dwar fatti estranei li, jekk ikunu magħrufin lil persuna ordinarja u raġjonevoli, ikunu biżżejjed biex jorbtu lil Jay Weeldreyer ma' xi ħadd mill-individwi l-oħra msemmija fil-pubblikazzjoni u biex jiġi identifikat bħala wieħed minnhom.

Għaldaqstant, billi l-pubblikazzjoni impunjata ma tidentifika lil Jay Weeldreyer bl-ebda mod, it-talba għall-ħlas tad-danni għal malafama għandha tiġi miċħuda safejn jikkonċerna lilu.

Ikkunsidrat;

Iżda, fil-waqt li l-Qorti hija konvinta illi persuna ordinarja u raġjonevoli, armata bl-għarfien tal-fatti estranei għall-pubblikazzjoni li dwarhom inġiebet prova fil-kawża, konsistenti fl-istorja ta' Andrea Prudente u Jay Weeldreyer li ngħatat prominenza estensiva fil-mass midja fl-istess żmien tal-pubblikazzjoni odjerna, tista' tidentifika lil Andrea Prudente bħala "*l-mara tqila*" msemmija fil-pubblikazzjoni impunjata, hija daqstant fermement konvinta li l-pubblikazzjoni ma fiha ebda imputazzjoni diffamatorja fil-konfront ta' l-istess Andrea Prudente.

L-unika imputazzjoni identifikabbli fir-rigward tal-"mara tqila" hija li kienet fil-mira ta' konfoffa organizzata minn terzi persuni, maħsuba biex jitqajjem dibattitu dwar it-terminazzjoni tat-tqala abbażi tan-narrattiva li l-mara tqila kienet "*fil-perikolu*" minħabba l-problemi fit-tqala. Ikun jinħtieġ doża kbira ta' spekolazzjoni u tiġbid mhux raġjonevoli tal-immaġinazzjoni biex jiġi aċċettat li l-istqarrija tal-konvenut twassal imputazzjoni li kienet il-mara tqila, ċioe' Andrea Prudente, li fabbrikat il-problemi fit-tqala tagħha jew ivvintat li kienet f'perikolu biex tinħoloq kontroversja politika dwar l-abort. *Multo magis* meta huwa evidenti minn qari tal-istqarrija li l-konvenut qiegħed jindirizza <u>b'mod dirett</u> lill-persuna li qabbilha ma' "żibel", liema persuna huwa jallega illi organizzat komplott ma' terzi biex il-mara tqila tinġieb Malta tabilħaqq biex tqum kontroversja dwar l-abort fuq il-pretest li kienet "f'perikolu". Dan qed jingħad ukoll għaliex persuna ordinarja u raġjonevoli ma jgħaddilhiex minn rasha li mara tqila sejra jew tista' realistikament tiffabbrika l-istat tal-kundizzjoni medika tagħha biex 'taparsi' tinsab f'perikolu: il-persuna ordinarja taf li min jesperjenza problemi fit-tqala jew kriżi ta' saħħa b'mod ġenerali jirkorri għal trattament u kura għand tobba u professjonisti mediċi fil-qasam, wisq probabbilment fl-isptar – kif del resto għamlet Andrea Prudente - u taf ukoll li dijanjosi medika ssir minn tobba u mhux mill-pazzjent innifsu.

Kemm hu hekk, mhux biss ma hemm ebda kelma jew inferenza magħmula fl-istqarrija impunjata li kienet Andrea Prudente, ossia l-mara tqila nnifisha, li għamlitha "*taparsi kienet f'periklu*", iżda hija evidenti u sekwenzjali l-implikazzjoni li l-persuna "żibel", apparti li konfoffat biex il-mara tqila tinġieb Malta, ikkonfoffat ukoll li din tal-aħħar "*taparsi kienet f'perikolu*" biex tqum kontroversja dwar it-terminazzjoni tat-tqala.

Minn qari sempliċi tal-istqarrija tal-konvenut huwa evidenti mhux biss li t-terzi persuni barra minn Malta u min ikkonfoffa magħhom, u l-mara tqila, huma lkoll individwi separati, iżda wkoll li r-riferenza għall-konfoffa saret speċifikatament u espressament fir-rigward ta' xi ħadd li l-konvenut iddeskrivih bħala "żibel" u fir-rigward ta' terzi persuni barra minn Malta, bl-imputazzjoni ċara li dawn il-persuni

kienu involuti f'konfoffa ma' xulxin u b'riżultat ta' din il-konfoffa, il-mara tqila li inġiebet Malta. Madankollu, il-Qorti ma taqbilx li titnissel imputazzjoni li l-mara tqila kienet involuta xjentement fil-konfoffa: għall-kuntrarju, qari korrett tal-istqarrija jagħti x'jifhem li l-mara tqila kienet is-soġġett tal-konfoffa, bi rwol evidentement passiv ("inġiebet") anziche' rwol ta' kompliċi. Wara kollox, kif rajna diġa', it-tifsira ordinarja tal-kelma 'konfoffa' hija "*ftehima minn taħt kontra xi ħadd*"[23] u għalhekk għandu jkun faċilment mifhum li l-mara tqila mhux biss m'hi qiegħda tiġi addebitata ebda rwol attiv fil-komplott iżda wkoll li hija s-soġġetta passiva li l-persuni l-oħra involuti fil-konfoffa inqdew biha għall-mottivi nefarji tagħhom. Din hija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta, fejn jisħaq li l-istqarrija li "*xi ħadd ikkonfoffa biex mara tqila tinġieb Malta*", ma tirriferix għall-atturi u l-Qorti, abbażi tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula, tqis li għandu raġun.

Kuntrarjament għal dak li xehdet Andrea Prudente fl-Affidavit tagħha u kif ġie argomentat fit-trattazzjoni, il-Qorti ma taqbilx li l-istqarrija tal-konvenut timplika b'xi mod li hija fabbrikat il-kriżi medika tagħha għall-mottivi ulterjuri – ma hemm xejn fil-kliem tal-pubblikazzjoni li jagħti x'jifhem li l-problemi li riskontrat fit-tqala tagħha kienu fabbrikati - għalkemm il-Qorti taqbel magħha illi insinwazzjoni bħal dik fiċ-ċirkostanzi fejn hija evidentement ġarrbet problemi mediċi waqt it-tqala tagħha u inevitabbilment batiet u għaddiet minn esperjenza ħażina, kienet tkun waħda ħarxa u wkoll kattiva.

Il-Qorti ma taqbel xejn mal-attriċi nomine lanqas fejn ġie argomentat fin-nota ta' sottomissjonijiet, li l-imputazzjoni li titnissel minn qari tal-pubblikazzjoni li Andrea Prudente "*kienet lesta tissagrifika lit-tarbija tagħha għall-uniku skop nefarju li jiġi legalizzat l-abort*". Din hija interpretazzjoni ferm u ferm imġebbda tal-istqarrija li tagħmel riferenza għal kliem u fatti li ma jissemmew imkien fil-pubblikazzjoni tant illi tifsira bħal dik hija esklużа minnufih minn qari ħafif tal-istqarriija fejn kif rajna, il-persuna "żibel" hija persuna differenti mit-terzi persuni barra minn Malta kif ukoll

[23] '*Id-Dizzjunarju Malti u teżawru ta' Malti mħaddem*' – Mario Serracino Inglott.

mill-mara tqila, u fuq kollox, ma tagħmel ebda sens li mara tqila "*tikkonfoffa*" biex hi stess "*tinġieb Malta*".

Il-fatt illi l-allegazzjoni li Andrea Prudente inġiebet Malta minn ħaddieħor b'riżultat ta' konfoffa hija falza - għaliex il-provi jeskludu li l-vjaġġ lejn Malta kien ġie organizzat minn terzi persuni iżda biss minn Andrea Prudente u Jay Weeldreyer bħala ġenituri prospettivi li xtaqu jiċċelebraw it-tqala u l-wild futur tagħhom – ma jfissirx li hija wkoll malafamanti. Fir-rigward jiġi ribadit illi d-dikjarazzjonijiet tal-konvenut dwar l-allegat konfoffa biex jitqajjem dibattitu dwar il-materja tat-terminazzjoni tat-tqala – moqrijin waħedhom fil-kuntest tal-pubblikazzjoni nnifisha u ta' xejn iktar – ma jimplikawx l-involviment xjenti tal-mara tqila fil-konfoffa, iżda huma diretti manifestament lejn il-persuna "żibel" u persuni oħrajn barra minn Malta, liema persuni, kif rajna diġa', baqgħu mhux identifikati bl-ebda mod.

L-istqarrija tal-konvenut jidher li jista' jkollha tifsira diffamatorja u tnissel imputazzjoni li hija malafamanti, biss safejn tikkonċerna il-persuna "żibel" u possibbilment il-persuni oħrajn barra minn Malta li, skont il-konvenut, organizzat il-konfoffa u ivvintat li l-mara tqila kienet f'perikolu bil-għan li tqum kontroversja dwar it-terminazzjoni tat-tqala[24]. Madankollu, il-Qorti tfakkar li l-azzjoni għal malafama ġiet istitwita biss minn Andrea Prudente u Jay Weeldreyer, liema persuni kif rajna m'humiex identifikati bħala l-persuni li huma direttament fil-mira tal-imputazzjoni diffamatorja.

Għaldaqstant, billi ma saret ebda imputazzjoni li għandha tifsira diffamatorja fir-rigward tal-persuni aggravati f'din l-azzjoni, Andrea Prudente u Jay Weeldreyer, il-Qorti tista' tieqaf hawn fl-indaġni tagħha u mhux meħtieġ li jiġi stabbilit ukoll jekk

[24] Mix-xhieda ta' Andrea Prudente in kontro-eżami ġie stabbilit li waqt li kienet qed tinżamm għall-osservazzjoni fl-Isptar Mater Dei kienu għamlu kuntatt ma' Doctors for Choice u Andrea Prudente kienet kellmet ma' Prof. Isabel Stabile, filwaqt li mix-xhieda ta' Dr. Alberto Vella irriżulta li huwa kien irċieva telefonata mingħand l-istess Prof. Isabel Stabile fejn qaltlu li l-pazzjenta ma kienetx ser tkompli bit-tqala u talbitu jara kif jagħmel biex iħaffef il-ħlas.

ġiex sodisfatt il-kriterju tal-impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni jew jekk l-istqarrijiet impunjati jikkostitwixxux 'opinjoni onesta' skont l-Att tal-Midja u l-Malafama.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tqis li ma saret ebda imputazzjoni diffamatorja fir-rigward ta' Andrea Prudente jew Jay Weeldreyer u konsegwentement tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta, tiċħad it-talba fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi nomine, Dr. Lara Dimitrijevic.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**